MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Numru. 34/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Michelina Enriquez**
**Jamie Charles Enriquez**

Kaz Numru: 34/2012

Illum 9 ta' April 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Michelina Enriquez**, ta' sittin (60) sena, bint Peter Paul Portelli u Mary neé Curmi, imwielda Nadur, nhar it-08 ta' Awwissu, 1951, residenti fil-fond Barlovento, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex u/jew Eden Court, Flat 1, Triq San Lawrenz, San Lawrenz, Ghawdex, u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 53851(G),

u

**Jamie Charles Enriquez,** ta' tnejn u tletin (32) sena, bin Emanuel u Michelina neé Portelli, imwieled il-Kanada, nhar id-09 ta' Novembru, 1979, residenti fil-fond Barlovento, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex u/jew Eden Court, Flat 1, Triq San Lawrenz, San Lawrenz, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 350695(M),

akkuzati talli nhar it-28 Jannar, 2011, u xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioé talli gewwa l-Gozo Specialities, Eden Court, San Lawrenz, Ghawdex, bhala tnejn mill-propjetarji tal-fond Gozo Specialities

1. għamlu użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;

2. waħħlu fuq merkanzija deskrizzjoni kummerċjali falza, jiġifieri, waħħlu iffalsifikata jew imbiddla, ċifra, kelma jew marka illi skont l-użu tal-kummerċ tiswa biex turi l-lok jew pajjiż li fih il-merkanzija ġiet maħduma jew prodotta, u l-mod li bih il-merkanzija ġiet maħduma jew prodotta;

3. immanifatturaw, kellhom fil-pussess taghhom jew bieghu ghasel ippakkjat minn qabel (Malta Honey) kif imfisser fl-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-2004 tal-Ghasel, li ma kienx jikkonforma mal-htigijiet kif imnizzlin fit-Tieni Skeda tal-istess Regolamenti billi ma kelliex il-kriterji ta' komposizzjoni tal-ghasel billi l-livell ta' diastase kien inqas minn dak permess, billi l-konduttivita` tal-elettriku kienet f'livell aktar minn dak permess, kif ukoll billi l-livell ta' HMF, il-kontenut ta' fruttozju u glukozju kien inqas minn dak permess u l-livell ta' sakkarozju kien f'livell aktar minn dak permess;

4. bieghu jew kellhom fil-pussess taghhom ikel (Malta Honey) li ma kienx tax-xorta, sustanza jew kwalita` ta' ikel kif mitlub mix-xerrej;
5. bieghu jew kellhom fil-pussess taghhom ippakkjat minn qabel (Malta Honey) li kien iqarraq lix-xerrej dwar in-natura, il-proprjetajiet u l-komposizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 140) datata 24 ta' Awwissu 2012 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 298(1)(c)(e)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Artikoli 17(1)(2)(3), 43(3) tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 4.1 tal-Avviz Legali 483/2004;
(c) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 3 tal-Avviz Legali 213/2004.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 157), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-24 ta' Awwissu 2012, f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputati jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet is-sottomisjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 180 *et seq.*).

Rat il-*Proces Verbal* Numru 619/11 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 18 *et seq.*) fejn gie konkluz li kien hemm ragunijiet sufficjenti ghaliex ghandhom jittiehdu passi kriminali kontra Michelina Enriquez.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehed l-**eks PS 1464 Michael Portelli** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn ikkonferma l-kontenut tal-okkorrenza (Dok. "A" (*a fol.* 14 *et seq.*)) li hejja hu stess.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Emanuel Buhagiar** (impjegat mal-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali – *a fol.* 79 *et seq.*). Jispjega kif kienu saru xi ilmenti mad-dipartiment rigward bejgh ta' xi ghasel li ma kienx ta' Malta u li kien qed jigi ppakkjat fil-vazetti bit-tikketti ta' Malta. Jghid li fit-28 ta' Jannar 2011 kien mar Ghawdex biex jassisti lil Philip Camilleri (espert tal-ghasel). Jixhed li marru fl-Eden Court, Triq San Lawrenz u ma sabu lil hadd u wara marru f'Barlovento, Triq it-Torri, San Lawrenz u li fethitlihom Michelina Enriquez, l-imputata f'din il-kawza u li tigi omm l-imputat Jamie Charles Enriquez. Jispjega kif hadu zewg vazetti minn hemm li huma l-ghasel li kien indikat lilhom li huwa dak it-tip ta' materjal li kien qed jinbiegh fis-suq. Jixhed li wara marru fil-fond Eden Court u fethilhom l-imputat Jamie Charles Enriquez. Jispjega li ha xi ritratti u li hejja rapport. Jispjega kif ritratt *a fol.* 101 juri isem Simon Kris Enriquez (iben l-imputata f'din il-kawza u hu l-imputat Jamie Charles Enriquez) u minn fejn kien qed jimporta dak il-materjal li hu qed isejjahhlu ghasel u qed jigi ppakkjat gol-vazetti.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Dr. Everaldo Attard** (Spizjar u Specjalizzat fil-Kimika Agrarja – jghid li ghandu progetti ghaddejjin fuq l-ghasel kemm lokali kif ukoll internazzjonali – *a fol.* 120 *et seq.*) li beda billi kkonferma r-

rapport tieghu (*a fol.* 28 *et seq.*) li jifforma parti mill-*proces verbal*. Jispjega li analizza l-barmil u z-zewg kampjuni moghtija lilu minn Philip Camilleri u Emanuel Buhagiar minn liema rrizulta li l-ghasel ma kienx ghasel ta' origini Maltija. Jixhed li wasal ghal din il-konkluzjoni wara li saru testijiet fuq il-kontenut taz-zokkor. Fir-rapport tieghu, Dr. Attard wasal ghas-segwenti konkluzjoni: *"Il-kampjuni li gew pprezentati jixbhu l-ghasel li gie pprezentat fil-barmil li jindika li hu ghasel Sqalli"* (*a fol.* 52).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Philip Camilleri** (*Scientific Officer* mal-*Paying Agency* fl-Ghammieri – *a fol.* 124 *et seq.*) billi qal li kien *Agricultural Officer* responsabbli mit-Taqsima tan-Nahal. Jispjega kif l-ghasel m'huwiex prodott tal-agrikoltura komuni u li l-ghasel jitqies bhala medicina minn hafna nies. Jghid li avvicinawh xi nies li jrabbu n-nahal u qalulu li kien hemm xi tbaghbis fl-ghasel. Spjega kif hu u Emanuel Buhagiar gew ordnati jaghmlu spezzjoni f'Ghawdex. Spjega wkoll li marru f'post partikolari fejn fethet mara anzjana fejn identifikaw ghasel li kienu rawh fil-hwienet u li din il-mara qaltilhom li ma kienx ghadu jsir xoghol hemmhekk u tathom indirizz iehor bl-indirizz Eden Court, f'San Lawrenz. Xehed li marru f'dan l-indirizz fejn fethilhom l-imputat Jamie Charles Enriquez. Jghid: *"Rajna hajt minnhom kien kollu bramel ghasel ta' barra, aw vojta jigifieri, bit-tikketta "Miele di eucalipto" u ndirizzati lil Simon Enriquez, u rajna l-vazetti ukoll tal-ghasel, u tadam imqadded; kien hemm hafna prodotti li gejjin minn barra u kienu qeghdin hemmhekk. Imbaghad hadna kampjun minn hemmhekk. Il-kampjun hadna anke mid-dar l-ohra, mid-dar ta' Triq it-Torri biex niftehmu"* (*a fol.* 125-126). Jixhed li hadu xi kampjun u barmil tal-ghasel u haduhom ghand Dr. Everaldo Attard. Ra r-ritratti li jiffurmaw parti minn Dok. "EB 1" (*a fol.* 83 *et seq.*) u spjega x'juru dawn ir-tiratti.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PC 1371 Alfred Grech** (*a fol.* 128 *et seq.*) li kkonferma li kien mar flimkien ma' Buhagiar u Philip Camilleri u li kienu gew elevati xi *samples*.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehed **Edward Dalmas** (*Legal Officer* – Registru tal-Kumpaniji - *a fol.* 143). Jghid li "Gozo Specialities" bhala kumpanija m'hijiex registrata u dana *stante* li ma tinstab l-ebda kumpanija b'dan l-istem. Fuq dan il-punt rega' xehed Dr. Jean Paul Grech (in rapprezentanza tar-Registru tal-Kumpaniji) fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012 (*a fol* 145). Dr. Grech ezebixxa dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 147).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013, xehed **Mark Rapa** (*Assistant Principal* – Trade Departiment – *a fol.* 149) fejn qal li fir-rigward tan-numri tal-karti tal-identita' 53851G u 350695G m'ghandhom l-ebda *records*. Rapa rega' gie mitlub jixhed fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 155) fejn qal li anqas fir-rigward ta' numru tal-karta tal-identita 575790(M) ma jezistu l-ebda records.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2013, l-imputata **Michelina Enriquez** (*a fol.* 158 *et seq.*) qalet li hija ghanda wiehed u sittin sena, li m'ghandha l-ebda negozju u li m'ghandha l-ebda relazzjoni ma' "Gozo Specialities". Tghid li dan in-negozju huwa tat-tfal taghha Simon Kris u Jamie Charles u li hija m'hija nvoluta bl-ebda mod fit-tmexxija tan-negozju taghhom. Meta rat ritratt (li f'din il-kawza jinsab *a fol.* 90) tghid li dan juri l-imbarazz li kien tefa' r-ragel taghha wara li kien ghalaq il-hanut tal-*grocer* u l-imbarazz tefghu kollu go garaxx. Tispjega li r-ragel taghha ghadu haj, li huwa pensjonant u li ilu li ghalaq il-hanut erba' snin. Tixhed li d-dar taghha hija Barlovento. Tghid li Eden Court mhijiex qrib u anqas tinfed mad-dar taghha.

Tixhed li t-tfal taghha ma jaghmlu l-ebda negozju gol-garaxx li jidher fir-ritratti.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013, xehed l-imputat **Jamie Charles Enriquez** (*a fol.* 164 *et seq.*) fejn qal li huwa joqghod f'Eden Court, Flat 3, Triq San Lawrenz, San Lawrenz. Jispjega li l-fond Barlovento huwa l-fond fejn joqghodu ommu u missieru. Jghid li ilu mizzewweg sitt snin u li m'ghandux cavetta tad-dar tal-genituri tieghu u jmur ghandhom biex izurhom. Mistoqsi jghid jekk ghandux xi fond jew proprjeta' li jisimha "Gozo Specialities" iwiegeb fin-negattiv. Jghid li l-"Gozo Specialities" juzawha hu u huh Simon Kris fuq it-tikketti taghhom fin-negozju li ghandhom f'Eden Court. Jghid li fil-fond Barlovento m'ghandhomx affarijiet tan-negozju. Mistoqsi jghid x'kien gara meta kienet saret spezzjoni fl-Eden Court, jghid li ttiehdu xi ritratti u li huma u hergin kien hemm numru ta' bramel go bitha esposti ghal hmieg u trab u ttiehed wiehed minnhom. Mistoqsi jghid jekk xi vazetti li kellhom ghal bejgh f'Eden Court ittiehdux xi kampjun minnhom, wiegeb fin-negattiv. Jghid li ma kienx maghhom meta marru ghand ommu. Muri z-zewg tikketti li gew mmarkati bhala Dok. "SE 3" u "SE 4" (*a fol.* 177) jghid li meta jkollhom ghasel ta' Malta jwahhlu t-tikketta bil-kliem "Malta Honey" u meta jkollhom ghasel ta' barra jwahhlu t-tikketta bil-kliem "EC Honey". Mistoqsi jghid minn fejn igibu l-ghasel ta' barra, jghid li dan jimpurtawh minn Sqallija. Jghid li l-bramel igibuhom minn Sqallija u meta jibbotiljawhom iwahlulhom it-tikketta bil-kliem "EC Honey". Jghid li ommu Michelina Enriquez m'ghandha x'taqsam xejn man-negozju tieghu u ta' huh. Jghid li l-garaxx tal-genituri tieghu ma jintuzax ghan-negozju tieghu u ta' huh.

Illi, fid-depozizzjoni tieghu, **Simon Kris Enriquez** (*a fol.* 168 *et seq.*) qal li ilu mizzewweg sbatax-il sena u ghandu zewgt'itfal,

joqghod Eden Court, Triq San Lawrenz, San Lawrenz u li ommu Michelina Enriquez toqghod Barlovento. Jghid li z-zewgt idjar huma mbeghdin minn xulxin madwar kilometru. Jghid li fuq id-dar ta' ommu ma ghandu l-ebda kontroll fis-sens li anqas ghandu cavetta tad-dar. Jghid li ghand ommu jmur biss biex jaghmlilha vizta. Jghid li kien joqghod fid-dar ta' ommu sakemm telaq minn hemm, meta kellu 18 il-sena. Jixhed li taha lura c-cavetta. Jispjega li meta saret l-ispezzjoni fid-dar tieghu, hu (Simon Kris Enriquez) ma kienx hemm pero qalulu li kienu elevaw xi barmil u xi tikketti. Mistoqsi jghid x'jista' jghid fuq il-barmil li gie elevat, jghid: *"Dawk il-bramel kienu qeghdin wara l-bieb illi jkun miftugh tal-garaxx, esposti ghax-xemx u ghal kull element iehor tan-natura u go fihom kien baqa' xi residue ta' xi ghasel li nimporta jien"* (*a fol.* 170). Jispjega li meta jkun espost ghall-elementi, jintilef l-HMF tieghu u l-kompozizzjoni tal-ghasel tinbidel. Jixhed li l-ghasel anqas gol-vettura ma tista' thallieh ghax jekk tkun gurnata bnazzi, titla' l-HMF tieghu u jekk jezaminah tas-sanità isibuh hazin. Mistoqsi jghid jekk ghandux konnessjoni mal-affarijiet li nstabu f'Barlovento jwiegeb fin-negattiv. Jghid: *"Dawk kienu ta' missieri meta kien miftuh bil-hanut. Kulhadd jaf, kien hanut famuz hawnhekk"* (*a fol.* 171). Jghid li l-hanut ta' missieru kien tal-merca u affarijiet lokali ta' Malta u Ghawdex. Jixhed li missieru ilu li rtira hames snin. Jghid li hu (Simon Kris Enriquez) jimporta l-ghasel minn Sqallija. Jispjega li ta' Malta jibbottiljah b'ta' Malta u ta' barra jibbottiljah b'ta' barra. Ezebixxa zewg tikketti: Dok. "SE 3" (ghasel ta' barra – "EC Honey") u Dok. "SE 4" (ghasel ta' Malta – "Malta Honey") – *a fol.* 177. Jghid li dawn ma tistax thallathom ma' xulxin. Jispjega li man-negozju tieghu, ommu Michelina Enriquez qatt ma kellha x'taqsam. Jghid li dak li jidher f'ritratti *a fol.* 87 u 88 ma nstabux ghandu. Jispjega li l-bieb li jidher f'ritratt *a fol.* 89 hu l-bieb tad-dar ta' ommu u li dawk li jidhru fir-ritratti wara *fol.* 89 sa 95 huma kollha ta' ommu. Jispjega li l-bieb li jidher f'ritratt *a fol.* 96 huwa l-bieb fejn joqghod hu (Simon Kris Enriquez) u li dawk li jidhru fir-ritratti minn *fol.* 97

sa 102 huwa ta' fejn joqghod hu. Muri ritratt Dok. "CG 1" (*a fol.* 178) jispjega li dan ir-ritratt juri t-tikketti varji li juza hu. Spjega li dak iz-zmien kellu wkoll tikketti bil-kliem "EC Honey".

In kontro-ezami mistoqsi jghid x'ghandu x'jaqsam mal-kumpanija "Gozo Specialities", jghid li m'ghandux kumpanija pero huwa n-negozju li jismu hekk. Jghid li n-negozju jmexxuh hu u huh Jamie Charles Enriquez.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati qed jigu akkuzati b'diversi imputazzjonijiet relatati ma' l-ghasel u dana gara wara li kienet infethet inkjesta magisterjali li tifforma parti minn dawn il-proceduri odjerni. Jirrizulta mill-atti li mill-fond fejn toqghod Michelina Enriquez ittiehdu zewg vazetti biex jigu testjati fuq rapporti li kienu saru lid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Mill-fond Eden Court, fejn joqghod l-imputat Jamie Charles Enriquez u huh Simon Kris Enriquez, gew elevati barmil tal-*plastic* bit-tikketti fuqhom u kif ukoll tlitt tikketti. Dr. Everaldo Attard spjega kif huwa gie prezentat b'barmil u zewg kampjuni u rrizultalu li l-kontenut tal-vazetti kien identiku ghal dak li kien hemm fil-barmil. Jghid li rrizulta li dan ma kienx ghasel ta' origini Maltija (*a fol.* 121). Fir-ritratti li jidhru *a fol.* 30 jidhru l-kampjuni li gew prezentati lil Dr. Attard ghall-analizi.

Illi d-difiza tikkontendi li l-imputat Jamie Charles Enriquez ghandu kull dritt li jimporta ghasel minn Sqallija u minn x'imkien iehor fl-Ewropa u jimmarkitjah bhala "EC Honey".

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet wahda wahda li gew addebitati lill-imputati, il-Qorti tinnota li fic-citazzjoni l-imputati gew akkuzat *"bhala tnejn mill-proprjetarji tal-fond Gozo Specialities"* (*a fol.* 1). Irrizulta mill-provi li l-ebda fond ma jgib l-isem ta' "Gozo Specialities" u li ma tezisti l-ebda socjeta' b'dan l-isem pero huwa n-negozju li l-imputat ghandu flimkien ma' huh Simon Kris Enriquez li jgib dak l-isem.

Illi, riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Pillow**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 2011, fejn inghad is-segwenti:

> "Ghar-rigward tat-**tieni aggravju**, il-frazi "bhala Managing Director Pillow Frames Ltd." tinsab fost id-dettalji li inghataw tal-imputat bhala indikazzjoni li r-responsabilita' penali attribwita lilu hija wahda vikarja in kwantu li qieghed jigi ritenut responsabbli kriminalment ghall-eghmil ta' haddiehor u cioé in kwantu direttur ta' socjeta' kummercjali.[1] Kif gja gie ritenut minn din il-Qorti diversi drabi f'cirkostanzi bhal dawn ma kienx hemm ebda htiega li fic-citazzjoni jinghad espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur, jew manager ecc. tal-kumpanija peress li r-responsabilita' vikarja f'kazijiet bhal dawn iggib ir-responsabilita' personali u individwali ta' dak li jkun ghan-nuqqasijiet tas-

[1] Il-Kodici Kriminali llum jipprevedi r-responsabilita' kriminali diretta ta' korp inkorporat ghal certi reati specifici (Ara Artikolu 121D, 82E, 208B(3), 248E(3), 310(A), 328J(1), 337H(1) tal-Kodici Kriminali).

socjeta'[2]. F'kazijiet bhal dawn ic-citazzjoni hi gja kompluta u valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skont il-ligi anki minghajr riferenza ghas-socjeta' in kwistjoni. Ghalhekk, l-izball fl-isem tas-socjeta' li taghha l-imputat kien direttur ma jimporta ebda konsegwenza legali fuq dak li bih gie imputat l-appellant u cioe' responsabilita' vikaria ghall-eghmil ta' socjeta' li taghha kien direttur. Ic-citazzjoni, kif ripetutament ritenut minn din il-Qorti, hi semplicement avviso a comparire u hu bizzejjed li jkun fiha dettalji ta' zmien, post, hin u partikolaritajiet tal-imputat biex hu jkun jista' jifhem ta' xhiex qed jigi akkuzat.[3] Fil-kaz ta' llum ic-citazzjoni hi konformi ma' dak rikjest bl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u d-dettal, mhux mehtieg, tas-socjeta' li taghha kien direttur l-imputat ma zzid jew tnaqqas xejn mill-validita' tac-citazzjoni. L-appellant kien jaf ben tajjeb li kienet qieghdha tigi imputata lilu responsabilita' vikaria in virtu' tal-kwalita' tieghu ta' direttur ta' socjeta' kummercjali[4]. Kien jaf ben tajjeb, kif jirrizulta mir-rikors tal-appell stess tieghu, ta' liema socjeta' huwa kien direttur fiz-zmien relevanti, u di fatti f'din l-istanza anki pprezenta prova li huwa -- u kien, fiz-zmien relevanti -- id-direttur uniku tas-socjeta' relevanti. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint".

Illi dak li nghad f'din is-sentenza jista' jigi applikat ukoll *mutatis mutandis* ghall-fatt li fic-citazzjoni gew indikati l-kliem li gew kwotati aktar il-fuq u b'hekk ic-citazzjoni kontra l-imputati tista' xorta wahda titqies bhala wahda valida.

2 Ara Appelli Inferjuri: **Pulizija vs. Joseph Bonnici**, 26/5/1995; **Pulizija vs. Carmel Camilleri**, 5/11/2004; **Pulizija vs. Joseph Vella**, 2/2/2006.
3 Ara *inter alia* Appell Inferjuri: **Pulizija vs. Joseph Vella**, *supra*.
4 Ara Artikolu 13 tal-Kapitolu 249.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjonijiet</u>**:

Illi mill-analizi li saret minn Dr. Everaldo Attard, li, fost l-ohrajn, huwa spizjar u specjalizzat fil-kimika agrarja u ghandu progetti fuq l-ghasel kemm lokali kif ukoll internazzjonali, irrizulta li l-kampjuni li gew prezentati lilu jixbhu l-ghasel li gie misjub fil-barmil li jindika li hu ghasel Sqalli. Il-kampjuni li gew elevati u li saru l-analizi fuqhom jippuntaw ghall-fatt li l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat <u>Jamie Charles Enriquez</u> gew pruvati *stante* li kienet qed tintuza t-tikketta "Malta Honey" fuq il-vazetti li effettivament fihom kellhom ghasel ta' Sqallija. Minkejja li gew ezebiti zewg tikketti (Dok. "SE 3" u "SE 4" – *a fol.* 177) wahda bil-kliem "Malta Honey" u ohra bil-kliem "EC Honey", xorta jibqa' l-fatt li l-analizi saret fuq il-kampjuni li gew elevati, li l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita dwarhom.

Illi, minkejja li mill-provi mismugha jirrizulta li kien hemm zmien fejn missier l-imputat kellu hanut tal-merca u minkejja li l-fond fejn joqghodu l-genituri tal-imputat u fejn joqghod l-imputat ma jmissux ma' xulxin u ma jinfdux, xorta gie pruvat in-ness rikjest bejniethom *stante* li mill-oggetti li gew elevati miz-zewg residenzi biex isiru t-testijiet fuqhom irrizulta li wiehed kien qed jitkellem fuq l-istess ghasel. Dan kollu jwaqqa' l-argumenti tad-difiza b'mod specjali meta mill-provi tad-difiza gie mismugh li l-kompozizzjoni tal-ghasel tinbidel meta r-*residue* jkun mikxuf jew espost ghall-elementi ghax jintilef l-HMF tieghu, mhux ghax dan mhux minnu, pero ghax mill-assiem tal-provi prodotti jirrizulta li s-sitwazzjoni kienet differenti. Dan kollu qieghed jinghad fir-rigward tal-imputat Jamie Charles Enriquez.

Illi, fir-rigward tal-imputata Michelina Enriquez, minkejja li hija tigi omm l-imputat, ma jirrizultax li hija kienet b'xi mod involuta fil-process tal-markitjar tal-ghasel.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li jirrizultalha li l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jamie Charles Enriquez gew pruvati u b'hekk ser jinstab hati taghhom, m'hux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-imputata Michelina Enriquez u b'hekk l-imputata Michelina Enriquez ser tigi liberata mill-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

**It-Tielet (3), ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjonijiet**:

Illi, fid-dawl tax-xhieda moghtija u tad-dokumenti esebiti, u fid-dawl ta' kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li dawn it-tliet imputazzjonijiet gew sodisfactentement pruvati fir-rigward tal-imputat Jamie Charles Enriquez. Tenut kont tal-fatt li dak li gie elevat mir-residenza tal-imputata Michelina Enriquez nstab li kien l-istess bhal dak li nstab f'Eden Court, fejn joqghod l-imputat u fejn isir in-negozju tieghu, il-Qorti jirrizultalha li dawn it-tlitt imputazzjonijiet gew ukoll pruvati fil-konfront tal-imputata Michelina Enriquez.

Il-Qorti hija tal-fehma li, fir-rigward tal-piena, ghandu jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li fir-rigward tal-imputat Jamie Charles Enriquez huma l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu li gew sodisfacentement pruvati, fir-rigward tal-imputata Michelina Enriquez huma biss it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet li gew sodisfacentment pruvati.

Illi dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati u li gew pruvati u l-fedina penali taghhom (li hija wahda kompletament nadifa – Dok. "FT 3" u Dok. "FT 4" – *a fol.* 137 u 138). *Stante* li l-imputat Jamie Charles Enriquez ser jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha u *stante* li huwa ser jinstab hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni (li l-piena kontemplata ghalihom hija dik ta' piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena), il-piena li ser tinghata liz-zewg imputati ser tkun wahda diversa. Filwaqt li fir-rigward tal-imputat Jamie Charles Enriquez, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tieghu pero hija tal-fehma li piena ta' prigunerija sospiza tkun aktar idonea fic-cirkostanzi, fir-rigward tal-imputata Michelina Enriquez, il-Qorti hija tal-fehma li l-kundanna fil-konfront taghha ghandha tkun dik ta' hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

- fir-rigward tal-imputata **Michelina Enriquez,** ma ssibhiex hatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnhom u wara li l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-24 ta' Awwissu 2012 b'mod partikolari Artikolu

17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 17(1), 17(2), 17(3) tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 3 tal-Avviz Legali 213 tal-2004, u Regolament 4.1 tal-Avviz Legali 483 tal-2004 issib lill-imputata Michelina Enriquez hatja tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u tikkundannha multa ta' seba' mitt Euro (€ 700.00);

- fir-rigward tal-imputat **Jamie Charles Enriquez**, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-24 ta' Awwissu 2012 b'mod partikolari Artikoli 17(h), 18, 298(1)(c), 298(1)(e), 298(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 17(1), 17(2), 17(3) tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 3 tal-Avviz Legali 213 tal-2004, u Regolament 4.1 tal-Avviz Legali 483 tal-2004 issib lill-imputat Jamie Charles Enriquez hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

Bis-sahha tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti elevati u ezebiti f'dawn il-proceduri.

Fl-ahharnett, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex *in solidum* bejniethom sa zmien xahar millum ihallsu s-somma ta' tlitt mija u tmienja u tletin Euro u sittin centezmu (€ 338.60)

liema somma tirraprezenta nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert Dr. Everaldo Attard (*a fol.* 54).[5]

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] In-nofs l-iehor tal-ispejjez gie kkundannat ihallashom Simon Kris Enriquez (I.D. Nru. 575790(M)) li kontra tieghu giet moghtija decizjoni llum stess fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Simon Kris Enriquez** (Kaz Numru. 52/2012).